MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 34/1998/1

Henry **CALLEJA** u b'degriet tal-21 ta' Novembru, 2002, il-ġudizzju għadda mill-persuna ta' Henry Calleja fl-ismijiet ta' Christopher Calleja, Cynthia mart Joseph Vassallo u Elisa *sive* Alice Calleja

vs

**KUMMISSARJU TAL-ARTIJIET**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-12 ta' Jannar, 1998, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur talab li din il-Qorti (a) issib li huwa ġarrab trattament mhux mistħoqq u diskriminatorju minħabba l-mod ħażin li bih mexxa miegħu

l-Kummissarju mħarrek u dan bi ksur tal-obbligi oġġettivi ta' trattament ta' imparzjalita'; (b) issib li l-għamil tal-Kummissarju mħarrek isarraf għal tentativ ta' temm unilaterali u abbusiv ta' kirja li tiswa; (ċ) tikkundanna lill-Kummissarju mħarrek iroddlu lura ċ-ċwievet tal-fond numru 36, Ix-Xatt ta' Lascaris, Valletta, f'dak iż-żmien qasir u perentorju li hija jogħġobha tiffissalu; (d) tillikwida d-danni li huwa ġarrab minħabba l-għamil tal-Kummissarju mħarrek; u (e) tikkundanna lill-imħarrek iħallsu d-danni hekk likwidati. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fis-27 ta' Ottubru, 1998, li biha l-Kummissarju mħarrek laqa' għall-azzjoni attriċi billi, qabel xejn, qal li l-azzjoni għad-danni waqgħet bil-preskrizzjoni maħsuba fl-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili, ladarba l-kirja ntemmet fit-30 ta' Ġunju, 1995. Fil-mertu, laqa' billi qal li hu ma ikkawża l-ebda dannu lill-attur. Warrab ukoll l-allegazzjonijiet kollha tal-attur, għaliex qal li (i) l-Gvern kellu bżonn il-post għal użu pubbliku, (ii) li l-kirja kienet ilha li għalqet sa mill-1986; (iii) li minn spezzjonijiet li kienu saru, ħareġ li l-post ma kienx qiegħed jintuża, (iv) u li għalhekk ma kienx qiegħed jintuża għall-għan li għalih kien inkera, jiġifieri bħala ħanut, u wkoll għaliex (v) l-attur kien ipprova jwelli l-post lil ħaddieħor bi ksur tal-patti tal-kuntratt tal-kirja u (vii) għaliex kien l-attur li, minn rajh u bla ma talab li jingħata post ieħor, radd lura ċ-ċwievet tal-post lid-dipartiment;

Rat il-verbali tas-smigħ bejn Diċembru tal-1999 u Novembru tal-2000, li fihom il-kawża kienet qiegħda titħalla għall-probabbli ċessjoni;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-31 ta' Jannar, 2001[1], li bih ħalliet il-kawża *sine die*;

Rat id-degriet tad-9 ta' Frar, 2001, li bih u fuq talba magħmula mill-attur b'rikors tiegħu tas-6 ta' Frar, 2001, reġgħet qiegħdet il-kawża fuq il-listi tas-smigħ;

[1] Paġ. 33 tal-proċess

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet, magħduda dik bil-mezz tal-affidavit;

Rat id-degriet tagħha tas-7 ta' Ottubru, 2003[2], li bih u fuq dikjarazzjoni magħmula waqt is-smigħ mid-difensur tal-atturi, tat żmien lill-atturi biex b'nota jiddikjaraw jekk kemm-il darba kienx għad fadlilhom interess fil-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-21 ta' Jannar, 2004, li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi attriċi, ladarba l-atturi naqsu li jressqu n-nota mitluba fiż-żmien lilhom mogħti;

Rat id-degriet tagħha tal-25 ta' Jannar, 2005, li bih u fuq talba magħmula mill-avukat tal-atturi, tat lill-partijiet żmien biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom b'Noti;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-atturi fit-22 ta' April, 2005[3];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-Kummissarju mħarrek fis-17 ta' Awwissu 2005[4];

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-4 ta' Ottubru, 2005, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju b'talba għad-danni. L-attur kien jikri maħżen bin-numru 36, ix-Xatt ta' Lascaris, Valletta, għal użu kummerċjali marbut man-negozju tiegħu fil-qasam tat-tbaħħir. Billi fl-1995 l-attur intalab mill-imħarrek biex irodd iċ-ċwievet tal-post, dan kien qagħad għal dik it-talba wara li l-imħarrek kien qallu li ċ-ċwievet kollha tal-imħażen fil-qrib kienu ntalbu wkoll.

---

[2] Paġ. 63 tal-proċess
[3] Paġġ. 88 sa 91 tal-proċess
[4] Paġġ. 96 sa 100 tal-proċess

Billi l-attur sar jaf li dan ma kienx minnu u li l-postijiet l-oħrajn tħallew jaħdmu, qiegħed jgħid li saret diskriminazzjoni miegħu u t-teħid taċ-ċwievet sar b'qerq. Minħabba f'hekk, l-attur jgħid li tilef l-użu meħtieġ tal-post u ġarrab danni għaliex waqt li hu twaqqaf milli jkompli jeżerċita l-kummerċ tiegħu, ħaddieħor tħalla jibqa' għaddej. L-attur qiegħed jitlob li jingħata l-kumpens xieraq għad-dannu mġarrab, u kif ukoll li jintraddulu ċ-ċwievet tal-post biex jerġa' jibda jużah;

Illi għal din l-azzjoni l-imħarrek laqa' billi ressaq l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tas-sentenjn, għal dak li jirrigwarda d-danni pretiżi mill-attur. Laqa' wkoll għall-azzjoni biex tattakka d-deċiżjoni tat-teħid taċ-ċwievet, billi ressaq allegazzjonijiet dwar imġiebet l-attur matul iż-żmien li kien għadu qiegħed iżomm il-pussess tal-post;

Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li fis-27 ta' Lulju, 1978[5], l-attur kien ingħata b'titolu ta' kera mid-Dipartiment tal-Artijiet il-maħżen battal bin-nunru sitta u tletin (36) fix-Xatt ta' Lascaris, Valletta, għal żmien ta' tmien (8) snin li bdew jgħoddu minn dak inhar. Wara li għalaq dak iż-żmien, il-kirja kienet bdiet tiġġedded awtomatikament b'sitt (6) xhur kull darba u bl-istess kundizzjonijiet tal-kirja oriġinali[6];

Illi f'Mejju tal-1995[7], l-imħarrek għarraf lill-attur li ma kienx se' jġeddidlu iżjed il-kirja wara l-aħħar ta' Ġunju ta' dik l-istess sena. Dak inhar li kellu joħroġ mill-post, l-attur kiteb lill-imħarrek biex jgħarrfu li l-post jużah bħala maħżen u ma jkunx miftuħ jekk mhux x'ħin ikun meħtieġ. Talab lill-imħarrek biex, jekk irid konferma, jibgħat lil xiħadd mid-dipartiment b'appuntament miegħu biex jagħmel spezzjoni tal-maħżen[8];

Illi l-attur radd lura ċ-ċwievet tal-post battal lid-Dipartiment fis-27 ta' Settembru, 1995[9]. F'Awwissu tal-1997, l-attur ħareġ protest ġudizzjarju kontra l-Kummissarju biex jitolbu

---

[5] Dokti "AZ3" u "VG1", f'paġġ. 17 – 9 u 69 sa 71 tal-proċess
[6] Xhieda ta' Vincent Gilson 13.10.2004, f'paġ. 75 tal-proċess
[7] Dok "AZ1", f'paġ. 15 tal-proċess
[8] Dok "AZ2", f'paġ. 16 tal-proċess
[9] Dok "A", f'paġ. 5 tal-proċess

jerġa' jagħtih lura ċ-ċavetta tal-post. Billi l-imħarrek ma laqax it-talba magħmula fil-protest, l-attur fetaħ il-kawża f'Jannar tal-1998;

Illi f'kawża ta' din ix-xorta jidħlu bosta konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbuta ma' ċirkostanzi fattwali li jridu jwasslu biex il-Qorti tqis sewwa l-għamil amministrativ li l-parti attriċi trid tattakka. Il-Qorti tibda biex tirrileva li jidher li l-ilment ewlieni tal-attur (u mbagħad, wara l-mewt tiegħu, ta' wliedu l-atturi li daħlu fil-kawża minfloku) hu dak li t-talba tal-imħarrek biex jingħata lura ċ-ċwievet tal-post tikkostitwixxi użu mhux xieraq tad-diskrezzjoni amministrattiva. Dan l-użu ħażin l-attur jarah fil-fatt li l-imħarrek ma mexiex l-istess ma' kulħadd bħalma mexa miegħu. Għalhekk, l-attur isejjes l-azzjoni tiegħu fuq talba biex il-Qorti tistħarreġ dak l-għamil amministrativ għaliex jikkostitwixxi abbuż ta' setgħa minn awtorita' pubblika għal għan mhux xieraq;

Illi mill-mod kif inhi mfassla l-azzjoni attriċi u mis-sottomissjonijiet imressqin minnu f'għeluq il-kawża, jidher li l-atturi jibnu l-każ tagħhom kemm fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A(1)(a) u kif ukoll dawk tal-artikolu 469A(1)(b)(iii) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi m'għandu jkun hemm l-ebda dubju li l-Kummissarju mħarrek huwa l-persuna li l-liġi tagħti s-setgħa li jamministra l-bini li minnu jagħmel il-Gvern[10]. Lanqas ma hemm għalfejn wieħed jiddubita li d-deċiżjoni li ttieħdet biex l-attur jintalab joħroġ mill-post u jrodd lura ċ-ċwievet tiegħu lid-Dipartiment immexxi mill-imħarrek hija għemil amministrattiv, għall-finijiet kollha tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi l-imħarrek jissottometti li ladarba l-kirja mogħtija lill-attur kienet waħda għal żmien li jagħlaq, kellu kull dritt li, wara l-għeluq taż-żmien miftiehem, jitlob lill-kerrej biex joħroġ mill-post mikri. Huwa jżid jgħid li dan għamlu meta irriżultalu li l-post ma kienx qiegħed jintuża. Iżid jgħid ukoll li irriżultalu li, f'xi żmien matul l-1994 meta l-kirja

[10] Art. 2 tal-Kap 169

kienet qiegħda tiġġedded bis-sitt xhur kull darba, l-attur jew xiħadd qarib tiegħu kien ipprova jwelli l-post lil ħaddieħor. Iż-żewġ raġunijiet miġjuba 'l quddiem mill-imħarrek huma raġunijiet li skond il-ftehim oriġinali tal-kirja (li kienu jgħoddu wkoll fit-tiġdid tiegħu) kienu jwasslu biex tintemm il-kirja;

Illi jirriżulta wkoll li, għal xi żmien, kien maħsub li l-post ikun jagħmel parti mill-proġett ta' tiġdid li kellu jsir f'dawk l-inħawi fl-iżvilupp ta' *Terminal* ġdid għall-passiġġieri tal-bastimenti magħruf komunement bħala l-"Valletta Waterfront Project" mill-konsorzju VISET Malta p.l.c. Iżda sa seba' snin wara li kienet bdiet il-kawża, il-post ma jidhirx li kien allokat lil ħadd, għallanqas sakemm din il-kawża tkun għadha ma nqatgħetx[11];

Illi meta l-Qorti tintalab biex tistħarreġ għamil amministrativ trid tara li dak l-għamil ikun twettaq sewwa. B'dan wieħed jifhem li (a) l-għamil ikun sar taħt jew bis-saħħa ta' liġi, (b) minn persuna jew awtorita' li tkun ingħatatilha dik is-setgħa bil-liġi, u (ċ) li hi u twettaq tali setgħa dik il-persuna jew dik l-awtorita' tkun inqdiet biha b'mod li ma tużahiex ħażin jew għal għanijiet mhux xierqa. Fejn it-twettiq ta' xi setgħa jġib miegħu l-użu ta' diskrezzjoni, l-liġi trid ukoll li dik id-diskrezzjoni tissejjes fuq kunsiderazzjonijiet rilevanti b'ħarsien tar-regoli ta' ġustizzja naturali;

Illi jibqa' wkoll il-fatt li meta Qorti tintalab tistħarreġ għamil amministrativ, hija tista' u għandha tgħarbel **kif** l-awtorita' pubblika tkun eżerċitat id-diskrezzjoni tagħha u ta' xiex tkun ħadet kunsiderazzjoni f'dak l-eżerċizzju[12]. Iżda l-Qorti ma għandha qatt tissostitwixxi b'tagħha d-diskrezzjoni li hija bil-liġi mħollija f'idejn dik l-awtorita'[13]. U għalhekk, sakemm dan l-eżerċizzju jibqa' wieħed "ta' kassazzjoni", l-Qorti ma tindaħalx dwar jekk id-deċiżjoni jew l-għamil imwettaq ikunx wieħed sostantivament korrett, sakemm ikun formalment raġonevoli u jaqa' fil-

[11] Xhieda ta' Albert Mamo 20.10.1999, f'paġ. 27 tal-proċess
[12] P.A. GV **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Attard vs Enemalta Corporation*** (każ ta' eżami intern)
[13] P.A. PS **28.1.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Psaila vs Kummissarju tal-Pulizija*** (każ ta' talba għal ħruġ ta' liċenza)

limiti tas-setgħat mogħtija lil dik l-awtorita' li tkun wettqet l-istess għamil;

Illi jirriżulta mill-ftit provi mressqin mill-partijiet li fl-1995 l-Kummissarju mħarrek qatagħha li jtemm il-kirja li l-attur kien ingħata tal-post mertu tal-każ. Din il-kirja kienet qiegħda tiġġedded b'sitt xhur kull darba. L-imħarrek ta wkoll avviż lill-attur xi xahar qabel kien se' jtemm il-kirja. Din it-twissija saret bil-miktub imma ma ngħad xejn fiha dwar x'kienet ir-raġuni li l-imħarrek kien irid il-post lura f'idejh;

Illi jidher li xi ftit jiem qabel ma għalaq iż-żmien imsemmi fit-twissija, l-imħarrek bagħat ittra lill-attur (fis-26 ta' Ġunju, 1995). Kopja ta' dik l-ittra ma tressqet qatt fl-atti tal-kawża. L-attur weġibha sewwasew fit-30 ta' Ġunju, 1995, u minn dik it-tweġiba jidher li l-ittra tal-imħarrek kienet tindika li t-talba għar-radd lura taċ-ċwievet kienet saret minħabba li l-post kien jidher li qiegħed jitħalla magħluq. Kif ingħad, l-imħarrek isemmi wkoll raġuni oħra għaliex ried iċ-ċwievet lura: dan kien għaliex irriżultalu[14] li l-attur jew xi ħadd mill-qraba tiegħu (jidher li kien l-attur Christopher Calleja) ipprova jwelli l-post lil ħaddieħor. L-attur jistqarr li dan il-fatt seħħ u jispjegah bl-argument li "meta jien kont barra minn dawn il-gżejjer ibni Chris kien applika, iżda dan ma kienx jaf bit-termini u kundizzjonijiet li kont qed nikri bihom jien"[15], għalkemm iżid jgħid ukoll (imma ma tressqet l-ebda prova f'dan is-sens) li ma kienx ibnu biss li applika, imma saħansitra inkwilini tal-imħażen l-oħrajn ukoll;

Illi fil-fehma tal-Qorti, rinfaċċat b'dan it-tagħrif, l-imħarrek ma setax jonqos li jifhem li kien seħħ tassew ksur ta' waħda mill-kundizzjonijiet espressi tal-ftehim tal-kirja tal-post. Flimkien ma' dan il-fatt, kien hemm ukoll dak li l-post ma kienx jinfetaħ regolarment imma "biss meta jkollna bżonn". Iż-żewġ raġunijiet kienu – jekk tassew jeżistu – jintitolaw lill-imħarrek li jitlob lill-kerrej joħroġ mill-post mikri u jagħti ċ-ċwievet lura. Sa hemmhekk biss, l-imħarrek kien ikun għal kollox f'postu li jeżerċita d-

[14] Dokti "AZ4" u "AZ5" f'paġġ. 20 – 1 tal-proċess
[15] Affidavit tiegħu f'paġ. 42 tal-proċess

diskrezzjoni tiegħu bħala l-awtorita' fdata mil-liġi bit-tmexxija tal-ġid immobbiljari li minnu jagħmel il-Gvern;

Illi, madankollu, l-attur iressaq ċirkostanza partikolari għaliex irid jattakka t-tħaddim ta' dik id-diskrezzjoni. Huwa jallega li ħaddieħor ma kienx ittrattat bl-istess mod. Mill-provi ħareġ li fl-istess medda ta' postijiet fix-Xatt ta' Lascaris, kien hemm tliet imħażen oħrajn qrib dak mikri lill-attur. Irriżulta li t-talba għat-temm tal-kirja tagħhom saret ukoll fl-istess żmien li l-attur intalab irodd lura ċ-ċwievet tal-post mikri lilu. Jirriżulta li filwaqt li fil-każ tal-imħażen bin-numri erbgħin (40) u tnejn u erbgħin (42) (liema fondi jinfdu ma' xulxin), ittieħdu passi biex ukoll isir l-iżgumbrament tal-inkwilin, u l-kerrej inħareġ mill-post f'Jannar tal-1998[16]. Ġara iżda, li fil-każ tal-post bin-numru tmienja u tletin (38), il-kerrej ma tneħħiex mill-post, imma meta ntalab biex irodd lura ċ-ċwievet u laqa' għal dik it-talba, kien sar ftehim ta' kirja ġdid u l-kerrej baqa' fil-post;

Illi huwa l-iżjed fir-rigward ta' dan l-aħħar post li l-attur iqabbel it-trattament differenti li ngħata u jsejjes il-pretensjoni tiegħu li l-imħarrek uża ħażin id-diskrezzjoni tiegħu billi mexa b'mod diskriminatorju. Fil-każ tal-postijiet l-oħrajn, ma jidhirx li jista' jingħad li l-imħarrek mexa b'mod differenti tant li l-iżgombru tal-kerrej seħħ ftit jiem wara li nfetħet din il-kawża;

Illi ladarba l-atturi jallegaw id-diskriminazzjoni, jaqa' fuqhom il-piż li jippruvaw dak li jallegaw. Minbarra dan, illum il-ġurnata huwa stabilit sewwa li biex jitqies li jkun ingħata trattament diskriminatorju kontra persuna jeħtieġ jirriżulta li (a) jkun ingħata lil persuna trattament differenti minn dak mogħti lil persuna jew għadd ta' persuni oħrajn (b) li jkunu fl-istess qagħda jew waħda li tixbahha, (ċ) liema trattament differenti ma jkunx oġġettivament jew raġonevolment mistħoqq jew (d) jekk f'dak it-trattament tkun nieqsa l-proporzjonalita' bejn l-għan mixtieq u l-mezz użat[17];

[16] Dikjarazzjoni maħlufa ta' Vince Gilson 10.11.2004, f'paġ. 80 tal-proċess

[17] Ara P.A. (Kost.) TM **26.2.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Albert Paċe Cole vs Chairman Maltacom p.l.c. et***

Illi fil-każ li għandna quddiemna, ma jidhirx li dawn l-elementi kollha jirriżultaw.  Fl-ewwel lok, għajr għall-fatt li l-post mikri lill-attur u dak bin-numru 38 jinsabu qrib xulxin, ma ntweriex li r-raġuni li wasslet lill-imħarrek jitlob li jintraddu lura ċ-ċwievet tal-post tal-attur kienet l-istess raġuni li ntalbu lura ċ-ċwievet tal-post ta' ħdejh.  Fit-tieni lok, jirriżulta li l-kerrej tal-post numru 38 kien ikkontesta t-talba tal-imħarrek, daħal f'negozjati u miegħu **sar ftehim ġdid** ta' kirja b'kundizzjonijiet ġodda, fosthom kera ogħla u żmien (konvenzjonali) aqsar.  Fil-każ tal-attur, ma jidhirx li huwa nqeda minn dan ir-rimedju (għajr f'xi żmien matul iż-żmien li fih kienet qiegħda tinstema' l-kawża għalkemm in-negozjati ma ħallewx frott), u lanqas ma wera li kien imċaħħad milli hu jagħmel bħalma għamel b'suċċess ħaddieħor.  Fit-tielet lok, jirriżulta b'mod ċar li, wara li ntalab irodd lura ċ-ċwievet, l-attur raddhom bla ebda kundizzjoni u saħansitra iffirma r-rilaxx mill-post.  Mela, filwaqt li l-kerrej tal-post 38 ma telaq qatt il-pussess tal-fond mikri, l-attur temm kemm it-titolu u wisq aktar il-pussess tal-post mikri lilu;

Illi l-attur jgħid li l-post telqu minn idejh b'ingann, għaliex kienu qalulu li kienu ntalbu ċ-ċwievet ta' kulħadd.  Il-Qorti qieset sewwa din l-allegazzjoni iżda tasal għall-fehma li m'hijiex mistħoqqa.  Dan jingħad għaliex, effettivament, huwa minnu li ntalbu ċ-ċwievet tal-imħażen kollha li kienu jinsabu fil-medda ta' postijiet li fosthom kien hemm dak mikri lill-attur.  Il-fatt li, fil-każ tal-post bin-numru 38, dak il-post reġa' ngħata b'kirja ġdida ma jwaqqax il-fatt li dwaru wkoll kienu ntalbu lura ċ-ċwievet mill-Kummissarju mħarrek.  Fid-dawl ta' dan kollu, l-Qorti ma ssibx li tassew jirriżulta li l-attur telaq il-post minn taħt idejh b'ingann u lanqas li l-imħarrek qarraq bih;

Illi minn dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li l-imħarrek ma jistax jingħad li mexa lil hinn mis-setgħat mogħtijin lilu mil-liġi jew għal għan mhux xieraq u għalhekk l-ewwel tliet talbiet tal-atturi m'humiex sejrin jintlaqgħu;

Illi l-atturi jridu wkoll il-ħlas tad-danni għal dak li seħħ. Jibda biex jingħad li dawn it-talbiet tressqu "in

konsegwenza tas-suespost", jiġifieri tal-pretensjoni li l-għamil amministrativ attribwit lill-imħarrek kien wieħed imtebba' b'abbuż għal għanijiet. Din il-Qorti diġa' qieset dak l-għamil ma waslitx għall-istess fehma li jallegaw l-atturi. Id-danni li jintalbu taħt l-artikolu 469A(5) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta huma marbutin sfiq mar-responsabbilta' li ġġib fuqha l-awtorita' pubblika bi twettiq ta' delitt jew kważi-delitt li joħroġ mill-għamil amministrattiv impunjat. Mela jekk – bħal f'dan il-każ – ma jirriżultax li l-għamil amministrativ kien wieħed ċensurabbli, ma hemm lok għall-ebda kundanna tad-danni. Minbarra dan, kien ikun ukoll diffiċli ħafna biex il-Qorti tillikwida d-danni reklamati f'dan il-każ ladarba l-atturi ma ressqu l-anqas l-iċken prova ta' kemm kienu dawn id-danni kbar li jgħidu li ġarrbu u, fuq kollox, meta kien l-attur innifsu li irrinunzja għall-pussess u għall-kirja tal-post billi radd lura ċ-ċwievet mingħajr ebda kundizzjoni u mhux taħt protest;

Illi għalhekk il-Qorti m'hijiex sejra tilqa' lanqas ir-raba' u l-ħames talbiet attriċi;

Illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet milħuqa, l-Qorti ma jidhrilhiex li għandha tidħol biex tqis l-eċċezzjoni preliminari tal-imħarrek dwar il-preskrizzjoni tad-danni pretiżi mill-atturi;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel tliet talbiet attriċi** billi ma jirriżultax li l-għamil amministrativ imwettaq mill-Kummissarju mħarrek kien wieħed mhux xieraq jew kontra l-liġi;

**Tiċħad ukoll ir-raba' u l-ħames talbiet attriċi** billi dawn huma konsegwenzjali għat-talbiet ta' qabilhom;

**Tilqa' l-eċċezzjonijiet** tal-Kummissarju mħarrek fil-mertu; u

**Tikkundanna** lill-atturi jħallsu l-ispejjeż tal-kawża.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------